A.L. 89 ta' l-1994

ATT DWAR ĦWEJJEĠ TA' L-IKEL, MEDIĊINALI U ILMA TAX-XORB (KAP. 231)

Regolamenti ta' l-1994 dwar Additivi fi Ħwejjeġ ta' l-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb, il-Ministru ta' l-Intern u Żvilupp Soċjali, bil-parir tal-Bord dwar *Standards* ta' Ħwejjeġ ta' l-Ikel, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1994 dwar Additivi fi Ħwejjeġ ta' l-Ikel.

(2) Ir-regolamenti 1, 2, 3 u 7 u l-Ewwel u t-Tieni Skedi relattivi għandhom jibdew iseħħu fil-jum li jiġi minnufih wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, u r-regolamenti 4, 5 u 6 għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Lulju, 1995.

Applikabilità.

2. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu japplikaw għal additivi mal-ikel li d-diversi kategoriji tagħhom jinsabu elenkati fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, u li jintużaw, jew huma maħsuba li jintużaw, bħala ingredjenti fil-manifattura jew preparazzjoni ta' l-ikel u li jkunu għadhom preżenti fil-prodott finali, ukoll jekk f'għamla mibdula.

(2) Għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, "additivi mal-ikel" tfisser kull sustanza li normalment ma tittikilx bħala ikel hekk kif inhi u li ma tiġix normalment użata bħala ingredjent karatteristiku ta' l-ikel sew jekk ikollha jew ma jkollhiex valur nutrittiv, li l-iskop taż-żieda tagħha ma' l-ikel għal għan teknoloġiku fil-manifattura, proċessar, tħejjija, maniġġ, ippakkjar, trasport jew ħażna ta' dak l-ikel jirriżulta, jew hu raġonevolment mistenni li jirriżulta, filli dik is-sustanza jew il-prodotti relattivi tagħha isiru b'mod dirett jew mhux dirett komponenti ta' dak l-ikel.

(3) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal:

(a) kull għajnuna fl-ipproċessar, li jfisser kull sustanza, li ma tittikilx bħala ingredjent ta' l-ikel waħedha, li tintuża bi skop fl-ipproċessar ta' materja prima, ik l jew l-ingredjenti tagħhom sabiex twettaq xi għan teknoloġiku partikolari fil-maniġġ jew proċessar u li tista' tirriżulta fil-preżenza ta' fdalijiet tas-sustanza jew tad-derivanti tagħha fil-prodott finali ukoll jekk b'ebda skop iżda għax teknikament ma jistax isir mod ieħor, dejjem sakemm dawk il-fdalijiet ma jkunux ta' xi periklu għas-saħħa u ma jkollhomx xi effett teknoloġiku fuq il-prodott finalizzat;

(b) sustanzi użati fit-tħaris tal-pjanti u prodotti tal-pjanti b'mod konformi mar-regoli tal-Komunità Ewropea dwar saħħet il-pjanti;

(ċ) kull *flavouring* li jintuża fi ħwejjeġ ta' l-ikel, li jidħol fl-iskop tad-Direttiva 88/388/EEC tal-Kunsill tal-Komunità Ewropea;

(d) sustanzi li jiżdiedu ma' ħwejjeġ ta' l-ikel bħala nutrijenti.

Additivi permessi.

3. (1) Jistgħu jintużaw biss fil-manifattura jew tħejjija ta' ikel dawk l-additivi mal-ikel li jkunu elenkati f'regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu pubblikati dwar kull kategorija ta' additivi elenkata fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, u dak l-użu għandu jkun bla ħsara għall-kondizzjonijiet ta' l-użu speċifikati f'kull regolamenti oħra li jsiru.

(2) Meta additiv mal-ikel jingieb f'waħda mill-kategoriji f'dik l-Iskeda, dan għandu jsir skond il-funzjoni prinċipali li jkollha normalment x'taqsam ma' dak l-additiv mal-ikel. Madankollu, meta additiv jitqiegħed f'kategorija partikolari, dan ma jeskludix il-possibilità li dak l-additiv jiġi awtorizzat għal diversi funzjonijiet.

(3) L-additivi mal-ikel għandhom jissodisfaw il-kriterji ġenerali stipulati fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Tikkettjar ta' adittivi mal-ikel li ma jkollhomx skop ta' bejgħ lil xi konsumatur.

4. (1) L-additivi mal-ikel li ma jkollhomx skop li jinbiegħu lil xi konsumatur aħħari jistgħu jitmexxew fis-suq biss jekk l-ippakkjar jew il-kontenitur tagħhom ikun fih dan it-tagħrif li ġej, li għandu jkun jidher sew, jinqara sew u ma jitħassarx:

(a) għal additivi mal-ikel li jinbiegħu waħedhom jew imħallta ma' xulxin, għal kull additiv, isem dak l-additiv li jista' jiġi stipulat b'kull dispożizzjoni applikabbli tal-Komunità Ewropea u n-numru jew in-numru ta' serje tal-KEE, jew, fin-nuqqas ta' kull dispożizzjoni bħal dik, deskrizzjoni ta' l-additiv li tkun preċiża biżżejjed sabiex dan ikun jista' jingħaraf sew minn additivi oħra li jista' jitfixkel magħhom, f'ordni dejjem nieżel tas-sehem skond kemm ikun jiżen mill-piż totali:

Iżda meta jiġu inkorporati sustanzi jew materjal jew ingredjenti ta' l-ikel oħra f'xi additiv jew additivi mal-ikel, sabiex jiffaċilitaw il-ħażna, bejgħ, standardizzazzjoni, taħlit jew tidwib ta' dak l-additiv jew dawk l-additivi, għandu wkoll jitniżżel isem l-additiv flimkien ma' indikazzjoni ta' kull komponent f'ordni dejjem nieżel tas-sehem skond kemm ikun jiżen mill-piż totali;

(b) — jew id-diċitura *"għall-użu fl-ikel"*

— jew id-diċitura *"użu ristrett fl-ikel"*

— jew referenza iktar speċifika għall-iskop ta' użu tiegħu fl-ikel;

(ċ) il-kondizzjonijiet speċjali ta' ħażna u ta' użu jekk bin-nuqqas ta' dan it-tagħrif wieħed ma jkunx jista' juża l-additiv kif imiss;

(d) id-direzzjonijiet dwar l-użu, jekk bin-nuqqas ta' dan it-tagħrif wieħed ma jkunx jista' juża l-additiv kif imiss;

(e) sinjal li jidentifika l-kunsinna jew partita;

(f) isem jew l-isem kummerċjali u l-indirizz tal-manifattur jew min jippakkjah, jew ta' bejjiegħ

(g) indikazzjoni tal-perċentwali ta' komponent li jkun suġġett għal limitazzjoni kwantitativa f'xi ikel jew tagħrif dwar il-kompożizzjoni li jkun biż-żejjed sabiex ix-xerrej ikun jista' jikkonforma ruħu ma' kull dispożizzjoni tal-Komunità Ewropea li tkun tapplika għal dak l-ikel. Meta l-istess limitazzjoni kwantitativa tkun tapplika għal grupp ta' komponenti li jintużaw waħedhom jew kombinati ma' oħrajn, il-perċentwali kombinat jista' jingħata bħala ċifra waħda;

(h) il-kwantità netta; u

(i) kull tagħrif ieħor ħekk kif jista' jintalab b'regolamenti pubblikati dwar additivi mal-ikel speċifiċi.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, it-tagħrif meħtieġ skond il-proviso li hemm mas-subparagrafu (a), u skond is-subparagrafi (d), (e), (f) u (g) ta' l-imsemmi paragrafu jista' jidher biss fuq id-dokumenti li jkollhom x'jaqsmu mal-kunsinna li jkollhom jingħataw mal-kunsinna jew qabel, kemm-il darba jiġi indikat b'mod ċar fuq l-ippakkjar jew il-kontenitur ta' dak il-prodott il-kliem *"għandu skop għall-manifattura ta' ħwejjeġ ta' l-ikel u mhux għal bejgħ bl-imnut"*.

Tikkettjar ta' additivi mal-ikel li jkollhom skop ta' bejgħ lil xi konsumatur.

5. L-additivi mal-ikel li jkollhom skop li jinbiegħu lil xi konsumatur aħħari jistgħu jitmexxew fis-suq biss jekk l-ippakkjar jew il-kontenitur tagħhom ikun fih dan it-tagħrif li ġej, li għandu jkun jidher sew, jinqara sew u ma jitħassarx:

(a) l-isem li bih jinbiegħ il-prodott. Dak l-isem għandu jkun l-isem stipulat minn kull dispożizzjoni tal-Komunità Ewropea li tkun tapplika għal dak il-prodott flimkien man-numru jew man-numru ta' serje tiegħu tal-KEE, jew, fin-nuqqas ta' dawk id-dispożizzjonijiet, b'deskrizzjoni tal-prodott li tkun preċiża biż-żejjed sabiex dan ikun jista' jingħaraf sew minn prodotti li jista' jitfixkel magħhom; u

(b) id-data ta' l-inqas durabbiltà fil-kuntest tat-tifsir mogħti fir-Regolamenti ta' l-1992 dwar it-Tikkettjar u l-Preżentazzjoni ta' Ħwejjeġ ta' l-Ikel; u A.L. 65 tal-1992.

(ċ) it-tagħrif meħtieġ bis-subparagrafi (a) sa (f), (h) u (i) tal-paragrafu (1) tar-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti.

Użu ta' lsien.

6. Il-partikolaritajiet imsemmija fir-regolamenti 4 u 5 ta' dawn ir-regolamenti għandhom mill-anqas jidhru f'wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' Malta, u d-dispożizzjonijiet tar-regolament 10 tar-Regolamenti ta' l-1992 dwar it-Tikkettjar u l-Preżentazzjoni ta' Ħwejjeġ ta' l-Ikel għandhom ukoll ikunu japplikaw f'dawk li huma eżenzjonijiet.

Projbizzjoni ta' bejgħ, eċċ. ta' additivi mhux skond ir-regolamenti.

7. Ħadd ma jista' jimporta, ibiegħ, iżomm għall-bejgħ jew jagħti b'kumpens jew mod ieħor, xi additiv, ikel jew xi ikel li jkun fih additiv bħal dak skond il-każ kemm-il darba dan ma jkunx skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

L-EWWEL SKEDA

Regolament 2 (1)

KATEGORIJI TA' ADDITIVI MAL-IKEL

Kulur
Priservattiv
Antiossidanti
Emulsjonanti
Melħ emulsjonanti
Thickener
Aġent tal-*gelling*
Stabilizzatur (1)
Aġent li jqajjem it-togħma
Aċidu
Regolatur ta' l-aċidità (2)
Aġent *anti-caking*
Lamtu modifikat
Sweetener
Aġent li jgħolli
Aġent ta' kontra r-raġwa
Aġent tal-*glazing* (3)
Aġent fit-trattament tad-dqiq
Firming agent
Humectant
Sequestrant (4)
Enżima (4) (5)
Bulking agent
Gas propellanti u gas tal-ippakkjar

---

(1) Din il-kategorija tinkludi wkoll stabilizzaturi tal-*foam*.
(2) Dawn jistgħu jaġixxu ta' regolaturi ta' l-aċidità sew fuq naħa sew fuq l-oħra.
(3) Dawn is-sustanzi jinkludu lubrikanti.
(4) Il-fatt li dawn l-espressjonijiet qed jiġu inklużi f'din il-lista ma hu ta' ebda preġudizzju għal kull deċiżjoni fil-ġejjieni jew tismija tagħha fit-tikkettjar ta' ħwejjeġ ta' l-ikel li jkollhom skop li jaslu għand il-konsumatur aħħari.
(5) Dawk biss li jintużaw bħala additivi.

IT-TIENI SKEDA

Regolament 3 (3)

KRITERJI ĠENERALI GĦALL-UŻU TA' ADDITIVI MAL-IKEL

1. Jistgħu jiġu approvati additivi mal-ikel biss sakemm:

   — tista' tintwera ħtieġa teknoloġika raġonevoli u l-għan ma jkunx jista' jinkiseb b'mezzi oħra li jkunu ekonomikament u teknoloġikament prattiċi,

— ma jkunu ta' ebda periklu għal saħħet il-konsumatur fil-qies ta' użu propost, daqskemm ikun jista' jitgħarbel skond il-provi xjentifiċi li jingħiebu,

— ma jkunux iqarrqu bil-konsumatur.

2. L-użu ta' additivi mal-ikel jista' jitqies li jsir biss meta jkun jidher ċar li l-użu propost ta' l-additiv jista' jkollu vantaġġi li jidhru sew ta' benefiċċju għall-konsumatur, fi kliem ieħor ikun meħtieġ li jiġi stabbilit il-każ għal dak li s-soltu jissejjaħ bħala "ħtieġa". L-użu ta' additivi mal-ikel għandu jaqdi għan wieħed jew iktar għanijiet minn dawk li ġejjin mill-partiti (a) sa (d), u dan biss meta dawk l-għanijiet ma jkunux jistgħu jinkisbu b'mezzi oħra li jkunu ekonomikament u teknoloġikament prattiċi u ma jkunux ta' periklu għal saħħet il-konsumatur:

(a) sabiex jippreservaw il-kwalità nutrittiva tal-ikel; tnaqqis li jsir bi skop fil-kwalità nutrittiva ta' xi ikel tkun biss ġustifikata meta l-ikel ma jikkostitwix parti sinjifikattiva f'dieta normali jew meta l-additiv ikun meħtieġ għall-produzzjoni ta' kull ikel għal gruppi ta' konsumaturi li jkollhom ħtiġiet ta' dieta speċjali;

(b) sabiex jipprovdu ingredjenti jew kostitwenti meħtieġa għal kull ikel manifatturat għal gruppi ta' konsumaturi li jkollhom ħtiġiet ta' dieta speċjali;

(ċ) sabiex iżidu l-istat ta' kemm xi ikel iżomm tajjeb jew stabbli jew sabiex iġibu għall-aħjar kull proprjetà organoleptika tiegħu, kemm-il darba dan ma jibdilx b'tali mod ix-xorta, sustanza jew kwalità ta' l-ikel b'qerq għall-konsumatur;

(d) sabiex jipprovdu kull għajnuna fil-manifattura, proċessar, ħejjija, ippakkjar, trasport jew ħażna ta' ikel, kemm-il darba l-additiv ma jintużax biex jaħbi l-effett ta' l-użu tal-materja prima difettuża jew ta' kull prattika jew teknika mhux mixtieqa (jew mhux iġjenika) fil-kors ta' kull attività msemmija.

3. L-additivi mal-ikel għandu dejjem ikollhom dawk il-kriterji ta' purezza ħekk approvati.

4. L-approvazzjoni għal additivi mal-ikel għandha:

(a) tispeċifika kull ħaġa ta' l-ikel li magħha jiżdiedu dawn l-additivi u l-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jiżdiedu;

(b) tkun limitata għall-inqas livell ta' użu meħtieġ sabiex jinkiseb l-effett mixtieq;

(ċ) tqis kull ammont ta' konsum ta' kuljum aċċettabbli, jew stima ekwivalenti li tiġi stabbilita għall-additiv mal-ikel u l-ammont ta' konsum ta' kuljum probabbli ta' l-additiv minn kull ikel. Meta dak l-additiv mal-ikel ikollu jintuża f'xi ikel li jittiekel minn gruppi speċjali ta' konsumaturi, għandu jittieħed qies tal-ammont ta' konsum ta' kuljum possibbli minn konsumaturi f'dawk il-gruppi.

5. Kull additiv mal-ikel jew derivattiv tagħhom, li jintużaw fl-ikel, ikollhom qabel jgħaddu minn eżami u evalwazzjoni tossikoloġiċi xierqa bil-għan li jiġi stmat kull effett li jista' jkun ta' periklu.

Dik l-evalwazzjoni għandha wkoll tqis kull effett kumulattiv, sinerġistiku jew li jagħti s-saħħa fl-użu ta' l-additiv u l-fenomenu ta' intolleranza umana għal dawk is-sustanzi li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-ġisem tal-bniedem.